**8 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mario Grech et.

**Meeting — Publiċità — "Malta Union of Farmers" — "Parliamentary Debates" — Interpretazzjoni — Art 2 u 4 tal-Kap. 108.**

*Il-liġi li t'pprojbixxi l-meetings mingħajr permess tal-Pulizija tirrikjedi, l-ewwelnett, illi l-ġemgħa ta' nies li tieħu parti fil-laqgħa jkun ta' mhux anqas minn għoxrin ruħ.*

*In kwantu għall-karattru tad-diskussjoni li ssir f'dik il-ġemgħa, ma jistgħax jingħad li l-liġi tipprojbixxi l-laqgħat li jkol-lhom xejra politika biss; u għaldaqstant anki laqgħa ta' bdiewa organiżżata mill-"Malta Union of Farmers" taqa' taħt din il-liġi, u tirrikjedi l-permess tal-Pulizija.*

*Imma, apparti n-numru ta' nies li jieħdu parti fid-diskussjoni u apparti l-karattru, politiku jew xort'oħra, tad-diskussjoni, jeħtieġ l-element tal-publiċità; jiġifieri illi, biex dik il-projbizzjoni sseħħ, u biex il-permess tal-Pulizija jkun rkjest,*

*jeħtieġ li d-dħul għal dik id-diskussjoni jew konferenza jkun permess għal kullħadd indistintament, u mhux ikun limitat għal ċerta klassi biss ta' nies; b'mod illi, jekk il-laqgħa ssir ġewwa, f'xi każin jew f'post ieħor fejn id-dħul hu limitat għal ċerta klassi ta' nies, u mhux f'post publiku fejn jista' jattendi kullħadd mingħajr ebda distinzjoni, dak il-meeting mhux kolpit mis-sanzjoni tal-liġi dwar il-meetings, u mhix rikjesta l-awtorizzazzjoni tal-Pulizija biex jinżamm dak il-meeting.*

*Huwa veru li d-dibattimenti parlamentari ma humiex fonti ta' interpretazzjoni awtentika ta' liġi; però jistgħu jkunu ta' ajjut għad-dilućidazzjoni ta' ċerti konsiderazzjonijiet u kriterji oħra.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli, bħala promoturi fil-kariga tagħhom ta' Viċi-President u Segretarju rispettivament tal-"Malta Union of Farmers", żammew u effettivament ħadu parti f'meeting publiku fis-sala parrokkjali tal-Gudja nhar il-Ħadd, 21 ta' Lulju 1957, għall-ħabta tad-9.30 a.m., mingħajr ma taw avviż tiegħu lill-Kummissarju tal-Pulizija skond il-liġi, l-Ordinanza tal-Meetings Publiċi, nru. XX tal-1931;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Diċembru 1957, li biha sabet liż-żewġ imputati ħatjin skond l-imputazzjoni, u mħabba l-kondotta tajba tagħhom, kif ukoll minħabba ċ-ċirkustanzi l-oħra kollha tal-każ, ordnat illi jiġu liberati taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23(1)(a) tal-Liġijiet Kriminali;

Rat ir-rikors tal-imputati P.L. Carmelo Scicluna u Mario Grech, li bih appellaw lil din il-Qorti, u talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li huma jiġu assolti;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-kawża oriġinat mill-fatt li, fil-21 ta' Lulju

1957, il-"Malta Union of Farmers" għamlet laqgħa ta' bdiewa fis-sala parrokkjali tal-Gudja. Il-Prosekuzzjoni ssostni li għal din il-laqgħa kien hemm bżonn il-permess imsemmi fl-art. 3 tal-Kapitlu 108 tal-Edizzjoni Riveduta. Id-difiża tikkontesta din it-teżi, u ssostni, inveċe, li għal laqgħa simili ma kienx jeħtieġ ebda permess;

L-ewwelnett, biex ikun hemm lok għal ġemgħa li taqa' taħt wieħed mir-rekwiżiti tal-liġi, hemm bżonn li jkunu miġburin flimkien aktar minn għoxrin ruħ. Id-difiża tikkuntrasta li kien hemm dan in-numru. Iżda, meta wieħed iqiegħed apparti dawk ix-xhieda li, għad li bdew biex qalu li ma kienx hemm aktar minn għoxrin, però ikkwalifikaw din ix-xhieda tagħhom billi ammettew il-possibbiltà li seta' kien hemm aktar minn dan in-numru, hemm ix-xhieda pożittiva ta' dawk li affermaw li n-numru kien jilħaq il-limiti preskritt mill-liġi. Jista' jkun li, f'ċerti mumenti, peress li n-nies daħlu u ħarġu, ma kienx hemm aktar minn għoxrin ruħ, u b'dan il-mod wieħed jista' jispjega x-xhieda ta' dawk li qalu li n-numru tal-preżenti ma laħaqx aktar minn għoxrin; imma hu ċar li b'daqshekk ma għandhiex tiġi skartata x-xhieda ta' dawk li raw, f'ċertu mument ieħor, aktar minn dak in-numru preżenti, ċjoè minn 35 sa ċirka 50 ruħ. Għalhekk, dak l-element tar-reat jikkonkorri;

Ġie sottomess li din il-laqgħa ma kienetx politika, u li aktarx li l-liġi kellha in vista laqgħat ta' karattru politiku;

Dan il-pont ma hux ta' soluzzjoni għal kollox faċili. Il-kliem użati fl-art. 4 tal-Kap. 108 huma . . . ." a conference, a public discussion, or the selection of a candidate for election as a member of the Council of Government". Il-kliem "a conference" u "a public discussion" huma ġeneriċi, u ma jidhrux limitati għal suġġett politiku, għalkemm jista' wkoll jingħad li talvolta l-kliem segwenti "or the selection of a candidate for election as member of the Council of Government" jillimitaw il-konċett tal-kliem ta' qabel in forza tar-regola ta' interpretazzjoni dwar kliem assoċjati — espressa din ir-regola fil-massima "noscitur a sociis" (ara Maxwell, Interpretation of Statutes, page 332):

Issa, il-liġi ta' qabel — Ord. XI tal-1898 — kellha dispożizzjoni identika fl-art. 3 tagħha, fejn kienet tgħid hekk:— " . . . . e se abbia per oggetto una conferenza, una pubblica discussione, ovvero la scelta di un candidato per la elezione di un membro del Consiglio di Governo";

L-istudju tad-dibattiti fil-Kunsill, meta ġiet diskussa din il-liġi, huwa utili; partikolarment peress li d-diskussjoni kienet vivaċi minħabba li din il-liġi kienet ġiet proposta fl-1898, wara żewġ meetings klamorużi, wieħed dak għarrigward tal-kwistjoni skottanti tal-"matrimoni misti", u l-ieħor dwar kwistjoni oħra li kienet appassjonat ferm il-publiku ta' dak iż-żmien, ċjoè l-fatt li kienu jgħaddu mill-Port ta' Malta vapuri tal-P. & O. Co., ġejjin mill-Indja, meta kien hemm il-pesta f'Bombay, u kien hemm il-biża tal-kontaminazzjoni. Iż-żewġ meetings, kif deher mid-diskors tal-Avukat tal-Kuruna ta' allura, kellhom, bla dubju ta' xejn, karattru politiku. Issa, minn dawk id-dibattiti jidher li l-leġislatur kien ħa bħala mudell il-liġi franċiża tal-1881, għalkemm, biex jikkonvinċi lill-Membri ta' allura, partikolarment l-Onorveli Savona, li non si trattava ta' attentat kontra l-libertà tal-inkontri publiċi, ġew ċitati liġijiet oħra diversi; imma qal, għall-liġi franċiża, "è quella sulla quale ho modellato l'Ordinanza innanzi al Consiglio";

U qal ukoll, biex jikkweta l-oppożizzjoni:— "Il principio dell'Ordinanza è che il diritto di tenere pubbliche riunioni deve essere libero, e che per tenere una riunione non è necessario di avere il permesso di alcuno, purchè la Polizia sia informata in tempo per dare le disposizioni necessarie per mantenere l'ordine";

Evidentement, kif jidher mill-kors tad-diskussjoni, il-membri tal-Kunsill kienu qegħedin jifhmu li l-liġi ma kienetx limitata għall-meetings politiċi biss; għaliex l-Onor. Dr. E.L. Vella qam u qal:— "Io credo che l'abbozzo dovrebbe limitarsi ai meetings politici, lasciando da parte tutt'altre materie, conferenze, sermoni". L-Avukat tal-Kuruna nterrompieh, billi qal, f'dan l-istadju, "Chi ha parlato di sermoni?". L-Onorevoli Savona wkoll ikkunsidrahom bħala tliet kategoriji separati, u qal ". . . . sembra che si

voglia limitare lo scopo di queste riunioni a queste tre categorie, (a) una conferenza, (b) una pubblica discussione, (3) la scelta di un candidato per l'elezione al Consigio. Se si trattasse, per esempio, di un voto di biasimo, sia al Capo del Governo sia ad una persona ingerita nel Consiglio, in quale categoria sarebbe incluso?". U l-Avukat tal-Kuruna rrispondieh "discussione pubblica";

Però, ebda emenda ma saret, meta l-liġi ġiet diskussa fil-Kumitat tal-Kunsill "articolo per articolo", u approvata; u baqgħet għalhekk isseħħ id-dikjarazzjoni li biha l-Avukat tal-Kuruna kien fetaħ id-diskussjoni, ċjoè:— "In un piccolo paese come Malta, nel quale la popolazione è tanto numerosa, è necessario che vi sia legge che regoli le riunioni pubbliche più che in altri paesi, perchè qui è maggiore il pericolo che queste riunioni sieno causa di disordini, alla maggior parte dei quali non piace di discutere quistioni, sia politiche, sia di altro genere, in piazza" (ara Volum Dibattiti tal-Kunsill tal-Gvern tal-1898, pp. 1192, 1195, 1247, 1270);

Il-Qorti tapprezza li d-dibattiti ma humiex fonti ta' interpretazzjoni awtentika; però jistgħu jkunu ta' ajjut għad-dilucidazzjoni ta' ċerti konsiderazzjonijiet u kriterji oħra;

Issa, kieku l-konċett tal-liġi kellu jiġi limitat għar-rijunjonijiet politiċi biss, allura din il-laqgħa ta' din il-kawża ma kienetx tkun kolpita; għaliex ma jidherx mill-provi li kienet ta' karattru politiku. Minn naħa waħda, ma jistax jingħad, "sic et simpliciter", illi laqgħa ta' bdiewa ma tistax tkun politika, għaliex dan jista' jiddependi mix-xorta tal-kwistjonijiet li jiġu mqegħda għad-diskussjoni. Iżda, minn naħa l-oħra, lanqas jista' jingħad li hi biżżejjed, biex jikkwalifikaha bħala politika, il-fatt biss li hi għaqda tal-bdiewa, u li l-biedja hi materja ta' dipartiment tal-Gvern. Kieku kellu jiġi adottat dan il-kriterju, anki laqgħa purament intellettwali jew kulturali taqa' taħt il-liġi fuq imsemmija; għaliex, kif kullħadd jaf, il-lum il-ġurnata, fil-maġġuranza tal-pajjiżi, il-gvernijiet estendew ir-ramifikazzjonijiet tagħhom f'kull xorta ta' attività tal-bniedem; u kieku kien hekk, anki konferenza, "diciamo", fuq "juve-

nile offenders", jew fuq "child welfare", jew fuq "deprived children", kienet tkun politika. L-importanti fil-fattispeċje hu li ma ġewx diskussi materji politiċi, almenu skond dak li deher mill-provi; u hi nota l-massima "quod non est in Curia non est in mundo". Infatti, dak li jirriżulta hu li kien hemm diskors fuq ix-xiri tan-nitrat (ara xhieda Antonio Seguna u Angelo Spiteri), fuq ix-xiri tal-kupru b'sitt liri (ara xhieda Baldacchino), u fuq il-biedja "ut sic" in ġenerali (ara xhieda Muscat);

Iżda din il-Qorti ma tħossx li tista' tasal għall-konklużjoni, stante t-termini komprensivi tal-art. 4 tal-Kap. 108, li, sabiex konferenza taqa' taħt il-liġi, jeħtieġ li tkun politika; u dan anki fid-dawl tad-dibattiti fuq l-artikolu identiku tal-liġi ta' qabel. Il-Qorti tapprezza li f'dik il-liġi kif jista' jidher mit-tenur tal-istess dibattiti u mill-artikoli 6 u 9 tagħha stess, kien kontemplat li l-laqgħat isiru f'post publiku, għad-differenza tal-liġi odjerna, fejn huma kontemplati anki l-laqgħat ġewwa (ara art. 2 Kap. 108), u li għalhekk, peress li b'daqshekk ma kienx hemm ir-riskju li l-liġi tolqot konferenzi oħra ta' indoli diversa mhux fl-apert, imma ġewwa, ma kienx hemm l-interess li jiġi limitat is-suġġett għall-materja politika, mentri taħt il-liġi attwali, peress li jidħlu anki r-rijunjonijiet mhux fl-apert, imma ġewwa, titwieled id-diffikultà li jiġu b'daqshekk milquta konferenzi li aktarx il-leġislatur ma kellux l-idea li jolqot. Iżda, b'dan kollu, avvolja fl-art. 2 tal-liġi attwali s-sens tal-kelma "meeting" ġie estiż anki għall-laqgħa f'bini ġewwa, eppure d-diċitura tal-art. 4 baqgħet dik stess tal-art. 3 tal-liġi ta' qabel; u għalhekk ebda argument, di fronti għat-test tal-liġi, ma jista' jittieħed minn din id-differenza tal-lokal bejn il-liġi attwali u dik ta' qabel. Il-materja għalhekk ta' dan ir-riskju ta' komprensività żejda tal-liġi għandu jiġi rimedjat bil-bonsens tal-applikazzjoni tagħha. U difatti, l-uffiċjal tar-ram appożitu tagħha, fix-xhieda tiegħu qal:— "Meta ssir konferenza, fi kwalunkwe każin, fl-università jew f'post ieħor, meta tkun konferenza mhux politika, ma jeħtieġx permess, purkè tkun konferenza ta' natura kulturali";

Minħabba dawn ir-raġunijiet, ma jistgħax jingħad li taħt dan l-aspett, il-laqgħa nvoluta f'din il-kawża ma taqgħax taħt il-liġi, avvolja ma kienetx politika;

Jibqa', għalhekk, il-pont l-ieħor sollevat mid-difiża, illi ċjoè, mhux il-publiku kollu, iżda biss il-bdiewa ġew mistednin għal din il-laqgħa;

Fil-fatt verament kien hekk. Ix-xhud Onor. Dalli qal li sama' l-kappillan jaqra ċirkulari dwar li kienet sejra ssir konferenza għall-bdiewa, u li jista' jidħol kulħadd. Imma, dwar daqshekk, evidentement ix-xhud kien taħt mal-intiż; għax dak li qal il-kappillan kien, skond ma xehed hu stess (ara xhieda Wisq Reverendu Kappillan Farrugia) illi kien sejjer ikun hemm laqgħa għall-bdiewa, u kull min hu nteressat (naturalment fil-biedja) jista' jattendi. Anki l-imputat P.L. Carmelo Scicluna qal li l-laqgħa kienet ristretta għall-bdiewa. U difatti, meta pprova jidħol l-Onor. Dalli, peress li l-organizzaturi tal-laqgħa indunaw li ma kellux xeħta ta' bidwi, ma ħallewhx jidħol. Anzi l-P.L. Scicluna żied jgħid li " . . . . minn dawn il-laqgħat din issena għamilna ħdax il-waħda, u s-sena ta' qabel għamilna aktar, u qatt ma tajna avviż lill-Pulizija; anzi darba nqalgħet kwistjoni r-Rabat, imma l-ispettur ta' hemmhekk ammetta li ma kienx hemm bżonn";

Meta, bħala fatt, din il-Qorti tirritjeni li l-laqgħa kienet limitata għall-bdiewa;

Issa, il-kliem tal-liġi huma dawn — " . . . jew ġewwa bini jew club li fihom il-publiku jew dawk li ma humiex membri jistgħu jidħlu";

Ma hemmx lok ta' ebda komment fuq il-kliem "jew dawk li ma humiex membri", għaliex dawn jirriferixxu għall-każ ta' club. Il-kliem rilevanti għal din il-kawża huma "li fihom il-publiku eċċ.";

Għalhekk hu neċessarju li jiġi fissat is-sens ta' din il-kelma, ċjoè jekk teskludix mill-operazzjoni tal-liġi każ fejn id-dħul hu limitata għal ċerta klassi biss;

Din il-Qorti, wara li rriflettiet fuq dan il-pont, ġiet għall-konklużjoni li, biex jista' jingħad li jista' jidħol il-publiku, jeħtieġ li d-dħul ikun permess lil kullħadd indistintament, u mhux limitat għal ċerta klassi biss. Ġie deċiż, fl-interpretazzjoni tal-istess kelma fil-Qrati tal-Iskozja, li "public" tfisser "open to the members of the public without discrimination" (ara "Words ad Phrases Judicially Defined" ta' Burrows, taħt "Public", page 419). Tant hu dan veru li, fejn il-leġislatur ried xort'oħra, qalu, kif sar fil-liġi ngliża, fejn il-kliem "public meeting" (dawk stess, ċjoè, definiti fl-art. 2 tal-liġi tagħna issa in kommento) huma hekk definiti:— "Public meeting includes any meeting in a public place, and any meeting which the public or any section thereof are permitted to attend";

Vwoldiri li, skond il-liġi ngliża, meta ma jkunx meeting fl-apert ("public place"), imma ġewwa, hu biżżejjed li tista' tiġi ammessa kategorija limitata tal-publiku; mentri, skond il-liġi maltija, jekk il-meeting hu ġewwa, kif kien dan, li sar fis-sala parrokkjali, jeħtieġ li jkun ammess il-publiku in ġenerali, bla diskriminazzjoni ta' xejn; appuntu għaliex fil-liġi maltija ma hemmx il-kliem limitattiv "or any section thereof" li hemm fil-liġi ngliża (ara, għal din il-liġi, Stone's Justices' Manual, 89th. Edition 1957, Volume II, page 1196, nota "m" in kalċe);

Għalhekk kien jonqos, f'dan il-każ, wieħed mill-elementi meħtieġa biex il-laqgħa taqa' taħt il-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputati mhux ħatjin, u tordna li jiġu liberati.